MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 313/2008

**Go p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Darwin International Limited (C23106)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` intimata ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef tminn mija tmienja u tmenin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€3888.42), rapprezentanti ammont dovut mis-socjeta` intimata in konnessjoni ma' servizzi telefonici bin-numru 21347600, 21347601, 21347602, 21347603 u 21347604 (CN1025602 - AC10094997);**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tal-ittri ufficjali bir-riferenza 2071/08 u 2072/08 debitament**

notifikati u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` intimata li hi ngunta ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex is-socjeta` intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta` intimata naqset u ma deher l-ebda rapprezentant taghha, la fil-11 ta' Novembru tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lill-istess socjeta` rikorrenti is-somma ta' tlett elef tminn mija tmienja u tmenin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€3888.42);

Bl-ispejjez kollha ndikati fir-rikors u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' intimata.

< Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------